MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 2125/1999/1

**Joseph Degabriele**

**vs**

**Pauline Degabriele**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 4 t'Ottubru 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti konjugi Degabriele zzewgu fit-22 t'April 1979.

Illi l-konvenuta rrendiet ruhha hatja versu l-attur ta' sevizzi, minacci, mohqrija, nsulti u ngurji gravi b'mod illi llum iz-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli;

Ill l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-konjugi Degabriele *stante* li z-zwieg tfarrak irrimedjabbilment, ghal liema tifrik tahti unikament l-istess konvenuta senjatament minhabba sevizzi, minacci, mohqrija u ngurji gravi li l-istess konvenuta kkommettiet fil-konfront ta’ l-attur zewgha;

2. Tordna c-cessjoni u l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Degabriele u tassenja parti lill-attur u parti lill-konvenuta, b’rizerva ghal kull ordni li tista’ taghti din il-Qorti in vista ta’ l-artikolu 55 tal-Kodici Civili (Kap 16) tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Tiddikjara lill-konvenuta dekaduta mid-drittijiet taghha kif provdut fl-artikoli relattivi ta’ Kodici Civili Kap 16.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri inizjati quddiem is-Sekond’ Awla kontra l-konvenuta li tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat il-verbal tad-19 ta’ Mejju 2000.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 24 ta’ Mejju 2000 fejn permezz taghha ta ruhu b’notifikat bl-avviz tas-smiegh tal-kawza.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-11 ta’ Lulju 2000 a fol. 12 fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi mhux veru dak allegat mill-attur fic-citazzjoni dwar htijiet da parti taghha li jaghtu lok ghal separazzjoni.

2. Illi fil-fatt kien l-istess attur li rrenda ruhu hati lejha ta’ htijiet serji kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 13 tal-process.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta a fol. 15 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet konjugi Degabriele zzewgu fit-22 t’April 1979;

Illi l-konvenuta flimkien ma’ binha l-fuq imsemmi Jean Paul dejjem abitaw u ghadhom jabitaw fid-dar konjugali;

Illi l-attur abbanduna kemm lil martu kif ukoll lit-tifel tieghu u qed jabita f’fond appartenenti lil ommu;

Illi l-attur irrenda ruhu hati versu ljeha ta’ sevizzi, eccessi, theddid, mohqrija, adulterju u abbandun;

Illi minhabba htijiet ta’ l-attur iz-zwieg tkisser irrevokabbilment;

Illi l-konvenuta ma tahdimx u ma hijiex f’pozizzjoni finanzjara li tippermettilha li tabita f’fond alternattiv;

Illi l-istess konventa talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali tal-partijiet minhabba htijiet ta’ l-istess attur;

2. Tikkundanna lill-attur ihallas retta alimentarja ghaliha;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

4. Tillikwida din il-komunjoni;

5. Tiddividi fi tnejn il-gid ta' din il-komunjoni u tassenja nofs lil kull parti, b'riserva ghal kull ordni li tista' taghti din l-Onor. Qorti in vista ta' l-artikolu 55A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Tiddikjara li l-konvenuta ghandha toqghod, flimkien ma' iben il-kontendenti, fid-dar matrimonjali;

7. Tiddikjara li l-attur iddekada minn kull dritt ta' manteniment jew dritt ta' successjoni u kull dritt iehor kif ikkontemplat fid-diversi artikoli tal-Kodici Civili Kap 16.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda a fol. 16 u 17 tal-process.

Rat il-verbal tal-20 ta' Novembru 2000 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Deborah Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat tal-15 ta' Dicembru 2000 a fol. 19 fejn gie eccepit:-

Illi filwaqt li l-esponenti jaqbel mat-talba numru 1 tal-konvenuta li tigi ppronunzjata s-separazzjoni bejn il-konjugi Degabriele, huwa assolutament ma jaqbilx li l-htija ta' l-istess firda ghandha tigi attribwita lilu.

Illi kif gja' ddikjara fic-citazzjoni li l-esponenti pprezenta kontra martu, kienet l-istess konvenuta li rrendiet ruhha hatja lejh ta' sevizzi, minacci, mohqrija, nsulti u ngurji gravi b'mod li farrket ir-relazzjoni maritali ta' bejn l-istess konjugi.

Illi l-esponenti jopponi bil-qawwa kollha li huwa jmantni lil mart u dan ghar-ragunijiet proncipali li (i) kienet hi li farrket iz-zwieg tieghu maghha; (ii) il-konvenuta ghandha ntrojtu tajjeb li hija tircievi kull xahar; u (iii) l-esponenti mhuwiex qed jahdem u ghalhekk fi kwalsiasi kaz m'ghandux biex imantni lil haddiehor.

Illi l-esponenti jaqbel mat-talbiet min-numru 3 san-numru 5 tal-konvenuta. Di fatti dawn it-talbiet huma identici ghal dawk minnu maghmula fic-citazzjoni.

Illi l-esponenti jopponi bil-qawwa kollha t-talba numru 6 tal-konvenuta ghar-ragunijiet illi (i) id-dar matrimonjali tifforma parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Degabriele u ghalhekk huwa ghandu dritt ghal nofsha; (ii) l-esponenti kien kostrett li jitlaq mill-istess dar mhux b’kapricc izda minhabba l-imgieba ta’ martu; (iii) il-konvenuta ghandha ntrojtu li bih tista’ facilment issib tikri biex toqghod f’dar ohra; u (iv) bin il-kontendenti llum ghandu tmintax-il sena maghluqa u ghalhekk ma jvanta ebda dritt ta’ abitazzjoni fuq id-dar matrimonjali.

Illi fl-ahhar lok l-esponenti jopponi wkoll l-ahhar talba tal-konvenuta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta li minn issa qed tkun ingunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta’ l-attur rikonvenzjonat a fol. 21 sa 23 tal-process.

Rat il-verbali tat-2 ta’ Mejju 2001; tat-13 ta’ Novembru 2001; u tal-21 ta’ Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta.

Rat in-noti ta’ l-attur, wahda datata 16 t’April 2002 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess u xi dokumenti ohra, u l-ohra tas-27 ta’ Mejju 2002 li biha esebixxa l-affidavit t’ohtu Mary Theuma u tan-neputija Marisa Zahra.

Rat il-verbal tad-19 ta’ Gunju 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-konvenuta b’terminu ta’ hamsin (50) gurnata.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 29 ta’ Novembru 2002 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha.

Rat il-verbal tat-3 ta’ Dicembru 2002.

Rat ir-rikors ta’ l-attur tal-4 ta’ Dicembru 2002 fejn wara li nforma lill-Qorti li l-konvenuta qed toqghod fid-dar matrimonjali u ghalhekk m’ghandha ebda urgenza sabiex tivvaka mill-istess halli l-Qorti tghaddi ghad-divizjoni, talab li jigu ffissati l-ahhar zewg seduti ghall-provi tal-konvenuta, wara liema l-provi jigu dikjarati maghluqa.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tas-6 ta’ Dicembru 2002 fejn saret referenza ghall-verbal precedenti tat-3 ta’ Dicembru 2002 fejn l-Assistent Gudizzjarja giet ordnata tiffissa l-ahhar tliet seduti ghall-konkluzjoni provi tal-konvenuta.

Rat il-verbal tad-29 t’April 2003 fejn il-Qorti ssostitwiet l-inkarigu ta’ l-Assistent Gudizzjarja Dr. Deborah Farrugia ghal dak ta’ Perit Legali a spejjez provizorjament attrici.

Rat in-nota ta’ l-attur tat-2 ta’ Lulju 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta’ George Galea.

Rat ir-rikors ta’ l-attur tas-6 t’Ottubru 2003 fejn talab li x-xhieda tax-xhud Jean Paul Degabriele tinghata quddiem il-Qorti wara li nqalghu xi ncidenti quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 8 t’Ottubru 2003 fejn cahdet it-talba attrici u ordnat li dan ikompli jixhed quddiem il-Perit Legali.

Rat il-verbal tat-8 t’Ottubru 2003 fejn il-Qorti nnominat lill-Perit Mario Cassar sabiex jaghmel stima tad-dar matrimonjali “95, Flat 5, Triq Marina, Pieta’ a spejjez provizorjament attrici.

Rat ir-rikors ta’ l-atturipprezentat fil-15 t’Ottubru 2003 fejn talab li l-inkarigu moghti lill-Perit Mario Cassar jigi estiz ukoll ghall-garaxx, ko-proprjeta’ tal-kontendenti, liema

talba giet milqugha mill-Qorti b'digriet tas-16 t'Ottubru 2003.

Rat ir-rikors tal-konvenuta tal-21 t'Ottubru 2003 fejn talbet is-sospensjoni ta' l-inkarigu tal-Perit Mario Cassar.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-23 t'Ottubru 2003 fejn cahdet it-talba tal-konvenuta.

Rat il-verbali tal-25 ta' Novembru 2003; tal-11 ta' Dicembru 2003 fejn il-Perit Mario Cassar ikkonferma r-rapport tieghu bil-gurament.  Il-Qorti pprefiggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lill-attur biex jipprezenta nota t'osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu biex jirrispondi.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Mario Cassar.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, ix-xhieda minnha mizmuma, u d-dokumenti hemm pprezentati

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur ipprezentata fis-27 ta' Frar 2004.

Rat il-verbal tat-18 ta' Marzu 2004; tal-11 ta' Mejju 2004 fejn il-Perit Tekniku Mario Cassar halef ir-rapport addizzjonali.  Dr. David Camilleri ghall-konvenuta pprezenta nota responsiva u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Jannar 2005.

Rat ir-rapport addizzjonali tal-Perit Tekniku Mario Cassar kontenenti stima ta' garaxx tal-kontendenti.

Rat ir-replika ta' l-attur datata 21 ta' Mejju 2004 ghan-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-konvenuta.

Rat il-kontro-replika tal-konvenuta Pauline Degabriele datata 2 ta' Settembru 2004 ghar-replika ta' l-attur.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat id-digriet odjern fejn din il-Qorti ghal kull effett u bwon fini tal-ligi, tikkonferma n-nomina ta' Dr. Deborah Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju u mhux bhala Perit Legali, u ghalhekk kull nomina li jista' jkun hemm fl-atti ta' l-istess avukatessa bhala Perit Legali qed tigi hawn, u permezz ta' dan id-digriet revokata.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fit-22 ta' April 1979 u kellhom zewgt itfal li llum huma t-tnejn maggorenni. Jirrizulta mill-provi prodotti li z-zwieg bejn il-partijiet spicca rrevokabbilment u l-konvivenza ta' bejniethom ma ghadhiex aktar possibbli, tant li minhabba s-sitwazzjoni li kienet tezisti bejn il-partijiet l-attur telaq mid-dar konjugali u llum-il gurnata jghix ghal rasu separat *de facto* minn martu. Dan peress li telaq mid-dar konjugali f'Mejju 1999.

Illi din il-Qorti qed tigi mitluba li tiddeciedi ta' min kienet ir-responsabbilta' ta' din il-firda bejn il-partijiet u f'dan il-kaz kull parti qed takkuza lill-parti l-ohra li tat lok ghal din il-firda. Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa x-xhieda kollha prodotta u thoss li mill-provi kollha prodotti mehuda komplessivament u fl-intier taghhom, iz-zewg partijiet jahtu ghall-firda ta' bejnietjom *stante* li nsulentaw lil xulxin gravament b'diversi akkuzi serji, inkluz l-akkuzi reciproci ta' adulterju, kunfidenzi serji ma' terzi persuni, u wkoll li huma hatja *verso* xulxin ta' diversi eccessi, mohqrija, u ngurji gravi, li kull parti kkomettiet kontra l-ohra u *vice versa.* Jekk wiehed ihares lejn ix-xhieda prodotta, jirrizulta car li kull parti kienet takkuza lill-ohra b'infedelta', u li njorat il-bzonnijiet tal-parti l-ohra, tant li f'hafna kazi l-istess partijiet kienu jispiccaw jghajtu ma' xulxin u jghajru lil xulxin, b'binhom f'nofshom. Certament li dan l-agir taghhom kien anke dovut ukoll ghall-inkompatibilita' ta' karattru. Tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti thoss li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Illi dwar it-talba tal-konvenuta ghall-manteniment din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi ghandhom jigi applikati fil-konfront taz-zewg partijiet id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**. Dan apparti li fi kwalunkwe kaz il-konvenuta ghandha l-introjtu taghha mill-kera tal-fond parafernali taghha, filwaqt li l-attur ma jahdimx.

Illi l-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi ddikjarat xolta b'effett minn Mejju 1999, id-data meta l-istess attur telaq mid-dar konjugali.

Illi bhala komunjoni ta' l-akkwisti din tikkonsisti fil-fond matrimonjali 95, Flat 5, Marina Street, Pieta stmat li jiswa hamsa u hamsin elf lira Maltin (Lm55,000), il-garaxx fi Triq l-Ursolini, Gwardamangia stmat li jiswa hamest elef lira Maltin (Lm5,000), l-ghamara tad-dar, il-vetturi Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni JOE – 044 li tinsab fil-pussess tar-ragel, u dik tal-Vauxhall Nova li tinsab fil-pussess tal-mara, depoziti bankarji f'isem il-konvenuta fil-Bank of Valletta plc u fl-APS Bank plc. Kull depositu bankarju f'isem l-attur fl-HSBC Bank plc gie minnu rtirtat u maghluq.

Illi fil-kuntest tal-kawza odjerna din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi a*rbitrio boni viri* u fin-nuqqas anke ta' ftehim bejn il-partijiet, l-oggetti kollha formanti parti mill-istess komunjoni ta' l-akkwisti ghandhom jinqasmu bejniethom. Ghalhekk din il-Qorti tordna l-bejgh in subbasta ta' l-oggetti mmobbli fuq indikati, u tal-ghamara kollha li hemm f'dik li sa llum kienet id-dar matrimonjali, u mir-rikavat ta' l-istess il-konvenuta ghandha tithallas ghal darba wahda biss is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) bhala kumpens ghas-sehem taghha mill-vettura Honda Civic li qed tigi aktar 'l isfel assenjata lill-attur. Ir-rimanenti bilanc mill-prezz ta' l-istess immobbli u ghamara ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi apparti dan qed jigi assenjat lill-attur il-vettura Honda Civic, b'dan pero' li l-istess attur ghandu jhallas l-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1,000) bhala kumpens lill-konvenuta ta' sehemha mill-istess vettura. Min-naha l-ohra l-vettura

tal-marka Vauxhall Nova qed tigi assenjata lill-konvenuta u dan bil-mod kif gja' gie fuq indikat.

Illi dwar il-kontijiet bankarji kull parti ghandha zzomm dawk il-kontijiet li jinsabu f'isimha, b'dan ghalhekk li l-ammonti kollha li hemm depozitati f'isem il-konvenuta fil-Bank of Valletta plc u APS Bank plc (inkuzi l-istess kontijiet indikati fid-dokumenti mmarkati "PG 1", "PG 2", "MS 1" u "MS 2" fl-atti processwali) ghandhom jibqghu proprjeta' taghha anke bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16** kontra l-attur. Dan anke in vista tal-fatt li fl-opinjoni ta' din il-Qorti jirrizulta li l-istess attur gibed l-ammonti kollha li kienu depozitati f'ismu, inkluzi dawk li kienu depozitati f'HSBC Bank plc, kif jirrizulta mix-xhieda ta' Sandra Friggieri (a fol. 95 tal-process) u d-dokument Dok. "SF 1" minnha esebit.

Illi ghal kull bwon fini din il-Qorti tiddikjara li l-fond 33, St. Paul's Street, Valletta huwa proprjeta' parafernali tal-konvenuta u li l-introjtu kollu mill-istess fond jappartjeni wkoll esklussivament lilha.

Illi fl-ahharnett din il-Qorti tiddikjara li ma tara l-ebda raguni partikolari ghaliex is-sitt talba fil-kontro-talba tal-konvenuta ghandha tigi milqugha, u dan anke fl-optika tal-konkluzjonijiet hawn raggunti, u cjoe' li l-firda personali sehhet minhabba nuqqasijiet taz-zewg partijiet, u wkoll ghax illum iben l-istess partijiet sar maggorenni.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-konjugi Degabriele *stante* li z-zwieg tfarrak irrimedjabbilment, ghal liema tifrik jahtu z-zewg partijiet *stante* li kemm l-attur u l-konvenuta kienu hatja *verso*

xulxin ta’ eccessi, mohqrija u ngurji gravi li kawza ta’ liema z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment.

2. Tordna c-cessjoni u l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Degabriele u dan b’effett minn Mejju 1999, b’dan li tordna d-divizjoni u l-assenjazzjoni ta’ l-oggetti kollha formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti ssir bil-mod segwenti:-

(a) Fl-ewwel lok din il-Qorti tordna l-bejgh in subbasta ta’ l-oggetti mmobbli fuq indikati, konsistenti fil-Flat 5, Marina Street, Pieta, fil-garaxx fi Triq l-Ursolini, Gwardamangia, u tal-ghamara kollha li hemm f’dik li kienet id-dar matrimonjali, u mir-rikavat ta’ l-istess il-konvenuta ghandha tithallas ghal darba wahda biss is-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) bhala kumpens ghas-sehem taghha mill-vettura Honda Civic, li qed tigi iktar l-isfel assenjata lill-attur Ir-rimanenti bilanc mill-prezz ta’ l-istess immobbli u ghamara ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

(b) Illi apparti dan din il-Qorti qed tassenja lill-attur il-vettura Honda Civic, b’dan li l-istess ghandu jhallas l-ammont ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) lill-konvenuta bhala sehemha mill-istess vettura, kif gja’ gie provdut f’din is-sentenza. Min-naha l-ohra lill-konvenuta qed tigi assenjata l-vettura tal-marka Vauxhall Nova.

(c) Illi dwar il-kontijiet bankarji kull parti ghandha zzomm dawk il-kontijiet li jinsabu f’isimha, b’dan ghalhekk li l-ammonti kollha li hemm depozitati f’isem il-konvenuta fil-Bank of Valletta Bank plc u APS Bank plc (inkuzi l-istess kontijiet indikati fid-dokumenti “PG 1”, “PG 2”, “MS 1” u “MS 2” fl-atti processwali) ghandhom jibqghu proprjeta’ taghha, anke bl-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16** kontra l-attur. Dan in vista tal-fatt li fl-opinjoni ta’ din il-Qorti jirrizulta li l-istess attur gibed l-ammonti kollha li kienu depozitati f’ismu, inkluzi dawk li kienu depozitati f’HSBC Bank plc, kif jirrizulta mix-xhieda ta’ Sandra Friggieri a fol. 95 tal-process u d-dokument Dok. “SF 1” minnha esebit.

Illi ghal kull bwon fini din il-Qorti tiddikjara li l-fond 33, St. Paul’s Street, Valletta huwa proprjeta’ parafernali tal-konvenuta u li l-introjtu kollu mill-istess fond jappartjeni esklussivament lilha.

3. Tilqa’ din it-talba fis-sens li z-zewg partijiet ddekadew mid-drittijiet taghhom kif provduti fl-**artikolu 48 tal-Kap 16.**

Bl-ispejjez tac-citazzjoni attrici jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

Illi rigward il-**kontro-talba tal-konvenuta**, din il-Qorti **taqta’ tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta’ l-attur biss in kwantu l-istess huma b’xi mod inkompatbbli u kontrastanti ma’ dak hawn deciz, u filwaqt li **tichad it-tieni u s-sitt talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha, tilqa’ t-talbiet l-ohra tal-kontro-talba taghha biss fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tilqa’ din it-talba fis-sens gja’ ndikat fic-citazzjoni attrici b’dan illi tiddikjara s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-konjugi Degabriele *stante* li z-zwieg tfarrak irrimedjabbilment, ghal liema tifrik jahtu z-zewg partijiet *stante* li kemm l-attur u l-konvenuta kienu hatja *verso* xulxin ta’ eccessi, mohqrija u ngurji gravi, kawza ta’ liema z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment.

2. Tichad din it-talba *stante* li kull parti tilfet id-dritt li titlob u tesigi manteniment minghand il-parti l-ohra b’applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fil-konfront taz-zewg partijiet.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b’effett minn Mejju 1999.

4. u 5. Tordna li d-divizjoni u l-assenjazzjoni ta’ l-oggetti kollha formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti ssir bil-mod fuq indikat u bl-mod segwenti:-

(a) Fl-ewwel din il-Qorti tordna l-bejgh in subbasta ta’ l-effetti mmobbli fuq indikati, konsistenti fil-Flat 5, Marina

Street, Pieta, fil-garaxx fi Triq l-Ursolini, Gwardamangia, u l-ghamara kollha li hemm f'dik li kienet id-dar matrimonjali u mir-rikavat ta' l-istess il-konvenuta ghandha tithallas ghal darba wahda biss is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) u dan bhala kumpens ghas-sehem taghha mill-vettura Honda Civic li qed tigi aktar l-isfel assenjata lill-attur. Ir-rimanenti bilanc mill-prezz ta' l-istess immobbli u ghamara ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

(b) Illi apparti dan din il-Qorti qed tassenja lill-attur il-vettura Honda Civic, b'dan li l-istess ghandhu jhallas l-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1,000) lill-konvenuta bhala sehemha mill-istess vettura, kif gja' gie provdut f'din is-sentenza. Min-naha l-ohra lill-konvenuta qed tigi assenjata l-vettura tal-marka Vauxhall Nova.

(c) Illi dwar il-kontijet bankarji kull parti ghandha zzomm dawk il-kontijiet li jinsabu f'isimha, b'dan ghalhekk li l-ammonti kollha li hemm depozitati f'isem il-konvenuta fil-Bank of Valletta Bank plc u APS Bank plc (inkuzi l-istess kontijiet indikati fid-dokumenti mmarkati "PG 1", "PG 2", "MS 1" u "MS 2" fl-atti processwali) ghandhom jibqghu proprjeta' taghha anke bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16** kontra l-attur. Dan anke in vista tal-fatt li fl-opinjoni ta' din il-Qorti jirrizulta li l-istess attur gibed l-ammonti kollha li kienu depozitati f'ismu, inkluzi dawk li kienu depozitati f'HSBC Bank plc, kif jirrizulta mix-xhieda ta' Sandra Friggieri a fol. 95 tal-process u d-dokument Dok. "SF 1" minnha esebit.

Illi ghal kull bwon fini din il-Qorti tiddikjara li l-fond 33, St. Paul's Street, Valletta huwa proprjeta' parafernali tal-konvenuta u li l-introjtu kollu mill-istess fond jappartjeni esklussivament lilha.

6. Tichad din it-talba.

7. Tiddikjara li kemm l-attur u kemm il-konvenuta ddekadew minn kull dritt ta' manteniment, kull dritt ta' successjoni, u kull dritt iehor kif ikkontemplati fl-**artikolu 48 tal-Kap 16,** b'dan li d-dispozizzjonijiet ta' l-istess artikolu qed jigu applikati *in toto* kontra z-zewg partijiet.

Bl-ispejjez tal-kontro-talba kontra z-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------